MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Numru 179/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**Vs**

**Steve Caruana**
**Kurt James**

Illum, 3 ta’ Marzu, 2008,

Il- Qorti,

Rat l- akkuza kontra l- imsemmi Steve Cauana ta’ 23 sena iben Anthony u Maria Carmela nee` Camilleri, mwieled l-Pieta` nhar l- 14 ta’ Settembru, 1984, detentur tal- karta ta’ l- identita` 453584M residenti gewwa 18, Triq Cuschieri, Gzira;

U

Kurt Joseph Kenneth James ta’ 19 il- sena iben Corinne nee` James, imwieled Londra, Ingilterra nhar l- 1 ta’ Mejju, 1988, detentur tal- karta ta’ l- identita` bin- numru 430496M u residenti gewwa 12, Flat 2, Triq il- Flotta, Gzira;

Akkuzati talli:

Gewwa San Giljan u dawn il- Gzejjer, bejn Awissu u Dicembru, 2007, b’ diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti izda li jiksru l- istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’ risoluzzjoni wahda;

Ikkommettew serq minn gewwa l- hanut ‘Zanzi Pub’, sitwat fi Triq id- Dragonara, Paceville, liema delitt kien ikkwalifikat bil- mezz u bil- valur li jiskorri l- elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u dan ghad- dannu tal- kumpanija Camilmac Services Limited, id- diretturi taghha u persuni ohra.

Lil Steve Caruana wahdu akkuzat ukoll talli:

Fil- Gzira, nhar l- 1 ta’ Marzu, 2008 ghal- habta ta’ nofsinhar (12:00hrs), bil- hsieb li jaghmel delitt u cioe serq mill- hanut ‘Igra 2’, sitwat fi Triq William Reid, wera dan il-hsieb b’ atti esterni u ta’ bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta` tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat, bil- mezz u bil- valur li jiskorri l- mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), u li kieku sehh dan is- serq kien ikun ghad-dannu tal- kumpanija Camilmac Services Limited, id-diretturi taghha u persuni ohra.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom anke wara li l-Qorti fissritilhom il-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghthom zmien biex jahsbuha.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c), 263, 265, 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzati.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-kooperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar satdju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali netta taz-zewg imputati kif ukoll l-eta taghhom.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll min-naha l-ammont misruq, u min-naha l-ohra d-dikjarazzjoni ta' l-imputati li huma lesti jirrifondu dan l-ammont.

Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha piena karcerarja mhix indikata.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c), 263, 265, 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma' jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-llum. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 24 tal-Kap 446 tordna lill-imputati jhallsu s-somma ta' sittax il-elf tlett mija u hames Euro u wiehed u sittin Euro centezmi (Euro 16,305.61) ekwivalenti ghal sebghat elef Liri Maltin liema hlas ghandu jsir fi zmien sitt (6) xhur mill-llum.

Il-Qorti spejgat lill-imputati bil-konsgwenzi skond il-Ligi jekk jaghmlu reat iehor matul dan il-perjodu ta' tlett snin u jekk ma jhallsux l-ammont fuq indikat lill-parte leza fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------